GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 18 ta' Mejju 2023 **Ref:** DLAP 110/2023

**Lill-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet taċ-Ċentri tal-Kindergarten u l-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti u Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litterizmu

**Suġġett:** Il-Programm 'Aqra Miegħi/*Read with Me*'

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, qiegħda tħabrek biex ixxerred il-programm ta' qari għall-gost 'Aqra Miegħi/*Read with Me*'.

Dan il-programm tfassal bil-għan li jsaħħaħ it-tagħlim tal-litteriżmu fit-tfal żgħar mit-twelid sa tliet snin. Kull ġimgħa, fis-sessjonijiet tal-programm isiru attivitajiet interattivi u kreattivi ta' litteriżmu għal trabi u tfal żgħar u l-ġenituri, nanniet jew kustodji tagħhom.

Is-sessjonijiet tal-programm isiru bil-Malti jew bl-Ingliż mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu f'madwar 60 ċentru f'Malta u Għawdex, u huma parzjalment iffinanzjati mill-Bank of Valletta.

Min jixtieq ikun jaf aktar fuq il-programm jista' jżur il-paġna tal-facebook: 'Aqra Miegħi/Read with me'.

Jekk tixtieq tipparteċipa f'dan il-programm ċempel 25982999 jew ibgħat ittra elettronika lil aqra.storja@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**